Qorti tal-Maġistrati (Malta)

RIK NRU 133/2021: **DARREN GRIMA (KI. 493076M) U BRIAN DEGIORGIO (KI. 438776M) V. ROBERT PELLICANO (KI. 188971M) U ELAINE PELLICANO (KI. 272772M)**
(SOPRASESSJONI)

MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**22 ta' Novembru 2021**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Darren Grima u Brian Degiorgio ("ir-rikorrenti") ippreżentat fid-19 ta' Mejju 2021,

wara li rat ir-risposta ta' Robert Pellicano u Elaine Pellicano ("l-intimati") ippreżentata fit-8 ta' Ġunju 2021[1],

wara li rat li t-tieni eċċezzjoni ppreżentata mill-intimati tikkonsisti f'talba sabiex il-Qorti tissoprassjedi sakemm tiġi deċiża b'mod finali kawża pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell (Rik Ġur Nru 1155/2016) fl-ismijiet inversi,

wara li rat li semgħet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet fuq din il-kwistjoni,

qed tagħti dan id-

## Digriet *in camera*

---

[1] Fol 7

1. Ir-rikorrenti qed jitolbu lill-Qorti tikkundanna lill-intimati jħallsuhom l-ammont ta' tmint elef, mitejn u tlettax-il euro (€8,213), jew kull somma oħra verjuri li tista' tiġi likwidata fil-limiti tal-kompetenza massima tagħha, rappreżentanti l-bilanċ minn somma akbar li għadu sal-lum dovut għal xogħolijiet t'appalt li saru minnhom lill-intimati ġewwa l-blokka ta' appartamenti bl-isem 'Carmel Suites' ġewwa Triq il-Karmnu, San Ġiljan ai termini ta' kuntratt t'appalt iffirmat mill-kontendenti datat 22 ta' Ġunju 2015. Intalbu ukoll l-ispejjeż inklużi dawk tal-ittri uffiċjali numri 3161/2016, 106/2019 u 75/2021 kif ukoll l-imgħaxijiet sad-data tal-ħlas effettiv.

2. L-intimati min-naħa tagħhom filwaqt li eċċepew illi l-ammont mitlub m'huwiex dovut, sostnew ukoll illi fi kwalunkwe każ il-Qorti għandha tissoprassjedi sakemm tiġi deċiża finalment l-kawża fl-ismijiet inversi pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell (Rik Ġur Nru 1155/2016) relattiva għall-appalt in kwistjoni.

3. Dan id-digriet huwa fir-rigward tal-eċċezzjoni ta' soprasessjoni.

4. Mill-provi dokumentarji mressqa jirriżulta illi:

    1. Fit-22 ta' Ġunju 2015 il-kontendenti kienu daħlu fi ftehim ta' appalt li permezz tiegħu r-rikorrenti kienu *inter alia* intrabtu illi jwettqu numru ta' xogħolijiet fosthom it-tħammil u demolizzjoni ta' proprjetà eżistenti u kostruzzjoni (sa' stat ta' *finished*) ta' blokka magħrufha bħala "Carmel Suites" fi Triq il-Karmnu, San Ġiljan għall-prezz miftiehem ta' €490,000. Ix-xogħolijiet kellhom jitlestew sat-30 ta' Jannar 2016 u fin-nuqqas kellha tiskatta penali ta' €100 għal kull ġurnata ta' dewmien.

    2. Skond l-intimati, ir-rikorrenti kienu inadempjenti skond il-kuntratt imsemmi u għalhekk bdiet tiskatta penali ta' €100 kuljum mill-31 ta' Jannar 2016 'l quddiem. Inoltre skond l-intimati huma kellu jagħmlu xi xogħolijiet li ma' lestewx ir-rikorrenti huma stess u għamlu ukoll xi ħlasijiet għal xogħolijiet li kellhom jsiru mir-rikorrenti. F'dan is-sens huma interpellaw lir-rikorrenti fit-2 ta' Novembru 2016 permezz ta' protest ġudizzjarju. Min-naħa tagħhom fis-16 ta' Diċembru 2016 ir-rikorrenti interpellaw lill-intimati permezz ta' ittra uffiċjali sabiex iħallsuhom il-bilanċ tal-prezz tax-xogħolijiet t'appalt li kienu tlestew minnhom fil-proprjetà msemmija.

3. Sussegwentement, preċiżament fit-2 ta' Frar 2017, l-intimati fetħu kawża kontra r-rikorrenti fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili sabiex dik il-Qorti *inter alia* tikkundanna lir-rikorrenti jħallsu l-penalitajiet dovuti minħabba l-inadempjenza kuntrattwali tagħhom, kif ukoll jħallsu l-valur ta' dawk ix-xogħolijiet u ħlasijiet li saru mill-intimati minflok ir-rikorrenti.

4. Fl-10 ta' Diċembru 2020 il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet *inter alia* illi r-rikorrenti ma' kienux jaħtu għad-dewmien u li għalhekk l-ebda penali ma' kienet dovuta minnhom lill-intimati. Ikkunsidrat ukoll illi rriżulta illi mill-prezz miftiehem ta' € 490,000, l-intimati ħallsu l-ammont ta' € 460,000 u magħhom wettqu numru ta' xogħolijiet (li kellhom jlestu r-rikorrenti) għall-valur ta' € 21,631 filwaqt li dawk ix-xogħolijiet li baqgħu ma' tlestewx ġew ivvalutati li jiswew € 3,806. Għalhekk skond il-Qorti l-intimati ħarġu *in toto* is-somma ta' € 485,734 biex b'hekk baqalom iħallsu lir-rikorrenti l-bilanċ ta' € 4,563.

5. Is-sentenza ġiet appellata fit-30 ta' Diċembru 2020 u sintendi għadha pendenti.

6. Fit-13 ta' Jannar 2021 ir-rikorrenti ppreżentaw ittra uffiċjali oħra kontra l-intimati sabiex iħallsuhom il-bilanċ tal-prezz tax-xogħolijiet t'appalt li kienu tlestew minnhom fil-proprjetà msemmija. Fid-19 ta' Mejju 2021 infetħet il-kawża odjerna mir-rikorrenti fejn qed jitolbu l-ħlas ta' €8,213 ("jew somma oħra verjuri") bħala l-bilanċ imsemmi.

5. L-eċċezzjoni li titlob it-twaqqif ta' smigħ tal-kawża sakemm tinqata' oħra li tkun marbuta magħha għad illi m'hijiex regolata mill-liġi fil-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, hija msejsa fuq dak li jipprovdi l-artikolu 793 tal-istess kap, liema artikolu jitkellem dwar **<u>smigħ fl-istess waqt</u>** taż-żewġ kawżi li jkun hemm dik ir-rabta bejniethom, fis-sens li l-kawża mressqa t-tieni fuq suġġett marbut ma' kawża mressqa qabilha tinstema flimkien ma' dik imressqa l-ewwel, taħt il-prinċipju tal-*ius preventionis*. Tali konnessjoni bejn żewġ kawżi tista' ssir meta it-tnejn jkunu ġew preżentati quddiem l-istess Qorti, għad li diversement presjeduta. Mill-banda l-oħra mhuwiex dejjem possibbli li s-smiegħ kontestwalment jista' jsir. Is-soprasessjoni tista' b'mod eċċezzjonali tingħata meta tali smiegħ fl-istess waqt ma' jkunx possibbli li jsir.

6. Billi hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali li kull kawża għandha tinstema sakemm tiġi maqtugħa, is-soprasessjoni trid tingħata dejjem taħt kundizzjonijiet li għandhom ikunu serji biżżejjed biex dan isir.

7. Fis-sentenza fl-ismijiet '**<u>Carmelo u Pauline konjugi Calamatta v. Mario u Mary Anne sive Miriam konjugi Darmenia et.'</u>** (App Ċiv Nru. 1108/1999/1 PS, 12 ta' Novembru 2003) il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) qalet illi:

   *"Hi gurisprudenza sekolari illi s-soprasessjoni hi ammessa u ghandha tigi dekretata meta din tkun spedjenti ("George Cassar –vs- Francis Xuereb", Appell Civili, 12 ta' Marzu 1973). Spedjenti fis-sens fejn il-kwestjoni involuta fil-kawza pendenti quddiem Qorti ohra (fil-kaz prezenti, quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili) hija tali li ddecizjoni tista' tinfluwixxi "a planta pedis" fuq il-meritu tal-azzjoni prezenti ("Francesco Galea –vs- Pawlu Galea", Appell, Sede Inferjuri, 23 ta' April 1955)...*

   *... Minn dan johrog car illi "s-soprasessjoni hemm lok ghaliha meta l-ezitu tal-kawza li tigi soprasseduta jkun jiddependi jew almenu jkun jista' jiddependi mill-ezitu ta' kawza ohra, u ghalhekk ma jistax ikun hemm lok ghas-soprasessjoni jekk ma tezistix din id-dipendenza jew almenu lpotenzjalita` ta' din id-dipendenza" – "Joseph Degaetano nomine –vs- Avukat Louis Galea et noe", Appell Civili, 5 ta' Ottubru 1981.*

   *Il-provvediment tas-soprasessjoni huwa allura ndikat ghal dawk il-kazijiet meta jkun hemm lok ghas-soluzzjoni ta' xi punt li minnu tiddependi necessarjament il-kontinwazzjoni tal-kawza li tigi soprasseduta sa dik is-soluzzjoni. Ara f'dan is-sens decizjoni fl-ismijiet "Joseph Azzopardi et – vs- Victor Critien pro et nomine", Prim'Awla, Qorti Civili, 12 ta' April 1962.*

   *Tajjeb pero` li jigi kawtelat illi "s-soprasessjoni minhabba eccezzjoni, sabiex l-eccezzjoni tkun dedotta u kombattuta f'gudizzju separat, huwa **<u>rimedju straordinarju</u>**, li ghalih il-Qorti tirrikorri biss meta hu mehtieg flinteress tal-amministrazzjoni tal-gustizzja x'hin tinqala' xi kwestjoni delikata u gdida li d-decizjoni taghha tinfluwixxi sostanzjalment fuq l-ezitu tal-kawza, u fl-istess hin ma tistghax tigi ezaminata fl-istess kawza, jew minhabba nnatura guridika taghha ma jkunx konvenjenti li tiġi ezaminata u deciza hlief f'kawza ohra separata li tkun trid tigi proposta appozitament" – "Giovanna Cardona –vsCarmelo Pisani", Appell Civili, 4 ta' Novembru 1957."*

8. Intqal ukoll mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza fl-ismijiet **'Axel Johnson International AB Noe v. Aluminium Extrusions Ltd'** (Ċit Nru. 145/2000/1 GV, 21 ta' Frar 2001) is-segwenti:

   *"Gie deciz diversi drabi mill-Qrati taghna li l-Qorti ghandha tilqa talba ghas-soprasessjoni biss: a) meta hu spedjenti li taghmel hekk; b) meta jkun hemm lok ghas-soluzzjoni ta' xi punt li tiddependi minn kawza ohra; c) Il-Qorti m'ghandhiex tordna is-soprasessjoni jekk il-parti l-ohra tkun ser tbati pregudizzju; d) Is-soprasessjoni hu rimedju straordinarju u ghandu jigi applikat biss jekk hu necessarju fl-amministrazzjoni tal-gustizzja"*

9. Applikati dawn il-kunsiderazzjonijiet ta' dritt għall-fatti ta' din il-kawża jirriżulta illi dak li qed jitolbu r-rikorrenti f'din il-kawża (i.e. il-ħlas tal-bilanċ tal-prezz tax-xogħolijiet t'appalt eżegwiti minnhom) ġie trattat b'mod **direttt** fl-azzjoni l-oħra tant illi l-Qorti f'dik il-kawża waslet għall-konklużjoni illi l-intimati baqalhom jħallsu lir-rikorrenti l-bilanċ ta' € 4,563. F'dik il-kawża però l-Qorti ma' waslitx għal tali konklużjoni fil-parti dispositiva tas-sentenza proprju għaliex f'dik il-kawża l-mertu tal-azzjoni ma' kienx il-ħlas li l-intimati (rikorrenti f'dik il-kawża) għandhom jagħtu lir-rikorrenti (intimati f'dik il-kawża) bħala bilanċ tal-prezz tax-xogħolijiet t'appalt iżda l-ħlas ta' penali u/jew danni illi l-intimati qed jippretendu mir-rikorrenti minħabba inadempjenza kuntrattwali.

10. F'dan l-istadju l-Qorti m'għandiex għalfejn tidħol fil-mertu ta' għalfejn f'din il-kawża r-rikorrenti qegħdin jitolbu s-somma ta' € 8,213 (i.e. u mhux il-bilanċ ta' € 4,563 li waslet għalih il-Qorti l-oħra). Li huwa neċessarju għall-Qorti huwa li tindaga jekk *prima facie* ikunx spedjenti għaliha illi tistenna l-eżitu tal-kawża l-oħra billi din tista' tinfluwixxi fuq il-meritu tal-azzjoni preżenti. F'każ illi l-appell tal-intimati jintlaqa' u r-rikorrenti jisfaw kundannati mill-Qorti tal-Appell sabiex iħallsu xi penalitajiet minħabba inadempjenza kuntrattwali (konsistenti f'dewmien) u sabiex iħallsu d-danni (konsistenti *inter alia* fi ħlasijiet ta' spejjeż ta' xogħolijiet li ma' sarux), il-Qorti tal-Appell tista' tnaqqas minn dak l-ammont kwalsiasi ammonti rappreżentanti l-bilanċ dovut mill-intimati għar-rikorrenti. Filfatt waħda mill-eċċezzjonijiet ippreżentata mir-rikorrenti fil-kawża l-oħra hija proprju dik illi *"il-konvenuti esegwew il-maġġor parti tal-obbligazzjonijiet tagħhom a tenur tal-istess kuntratt ta' appalt u għalhekk jistħoqq li l-penali prevista tiġi mnaqqsa u mtaffija sostanzjalment".* Għalhekk ikun *a contrario sensu* illi din il-Qorti tiddetermina b'mod definittiv l-ammont bilanċjali li jista' jkun dovut lir-rikorrenti mill-intimati meta għad hemm

Qorti oħra li tista' talloka jew tnaqqas dak l-ammont mill-ammont li jista' jkun dovut mir-rikorrenti lill-intimati bħala penali u/jew danni.

11. Il-Qorti għalhekk tqis li jkun spedjenti li tistenna l-eżitu tal-kawża l-oħra u ma' tarax lanqas illi r-rikorrenti sejrin isofru xi preġudizzju f'dan ir-rigward. Jekk xejn, jafu jkunu l-intimati li jsofru minħabba dan id-dewmien jekk eventwalment il-Qorti tal-Appell tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti u sussegwentement din il-Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti bl-imgħaxijiet legali li jkunu laħqu ddekorrew matul dan il-perjodu kollu.

**Deċiżjoni**

12. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda f'dan l-istadju tilqa' t-talba magħmula mill-intimati *per via di eccezione* għas-soprasessjoni fil-kawza preżenti sakemm tiġi definita irrevokabilment il-kawża fl-appell fl-ismijiet inversi. Spejjeż riservati għall-ġudizzju finali.**

V.G. Axiak — Maġistrat

Y.M. Pace — Dep. Reġistratur